# Raħal Ġdid fil-Gwerra

Laurence Mizzi



Il-gwerra għal Malta bdiet meta fl-10 ta' Ġunju 1940 l-Italja ddikjarat li kienet ingħaqdet mal-Ġermanja ta' Hitler fil-gwerra kontra l-Ingilterra. L-għada it-Tlieta fis-7am kellna l-ewwel attakk mill-ajru mill-ajruplani Taljani. Matul il-ġurnata kellna tmien attakki li ħallew 18-il ruħ mejta, sitta minnhom suldati Maltin li tilfu ħajjithom fil-Forti Sant'Iermu.

F'dik l-ewwel ġurnata qam paniku sħiħ fl-inħawi madwar il-Port il-Kbir. Eluf ta' nies ħallew lil djarhom mingħajr ma jafu fejn kienu sejrin. Ċensu Zahra, Alla jaħfirlu, li kien jaħdem ta' sagristan fil-parroċċa tagħna, li dak iż-żmien kienet għadha ddedikata lill-Qalb ta' Ġesù, kien qalli li f'dawk l-ewwel jiem tal-gwerra l-popolazzjoni ta' Raħal Ġdid minn 6,000 telgħet għal 22,000 meta ġew joqogħdu hawn fid-djar ġodda li kienu għadhom kemm inbnew, nies mill-Kottonera. Iżda meta l-attakki bdew jiżdiedu bil-mira tagħhom it-Tarzna n-nies fehmu li xorta waħda kienu fil-periklu u reġgħu telqu minn Raħal Ġdid u marru jfittxu kenn fl-irħula 'l bogħod mill-inħawi tal-Port il-Kbir. Skont Ċensu minn 22,000 ruħ il-popolazzjoni imbagħad niżlet għal 35 ruħ biss!

Iżda meta aktar tard bdew jitħaffru x-xeltrijiet u l-gwerra bdiet tindara, numru mdaqqas ta' familji reġgħu niżlu joqogħdu fid-djar li kienu ħallew u magħhom ġew ukoll nies mill-Kottonera li djarhom kienu ġġarrfu. Ġew hawn biex ikunu qrib it-Tarzna fejn kienu jaħdmu l-irġiel tagħhom.

Għalkemm Raħal Ġdid ma ġarrabx il-ħsarat kbar li ġarrbu l-Isla, Bormla u l-Birgu xorta waħda ma ħelishiex mill-bombi. Infatti numru mdaqqas ta' djar, l-aktar fil-pjazza ġġarrfu. F'toroq oħra ħafna djar ġarrbu l-ħsarat u niftakar li fi Triq tal-Borġ għadd ta' djar kellhom ħsarat fis-soqfa u l-bibien kienu sfrundati bil-galleriji mingħajr ħġieġ. L-agħar ġurnata għal Raħal Ġdid kienet it-12 ta' Frar 1942, jum il-Karnival meta bomba niżlet il-pjazza u qatlet mat-30 ruħ li kienu marru jistkennu fix-xelter li kien hemm quddiem fejn illum hemm il-Każin tal-Labour. B'kollox fil-gwerra nqatlu mas-70 ruħ minn Raħal Ġdid, waħda minnhom Ġużeppa Camilleri ta' 24 sena li tilfet ħajjitha proprju fit-tieni jum tal-gwerra meta bomba waqgħet fi Strada Fosso. Ħasra li m'hawn l-ebda monument li jfakkar dawn il-vittmi kif hemm fil-biċċa l-kbira tal-lokalitajiet Maltin. Nemmen li dan jista' u għandu jsir f'Raħal Ġdid. Għadda żmien biżżejjed...

Meta aħna ġejna noqogħdu hawnhekk f'Ġunju 1942 mill-Gudja fejn konna morna evakwati mill-Birgu minbarra d-djar imwaqqa' u oħrajn bil-ħsarat f'nofs il-pjazza kien hemm ħofra kbira ħafna kaġunata minn bomba li sfrundat l-art fejn taħtha kien hemm ġibjun. F'dan il-ġibjun kien tilef ħajtu Gejtu Pisani ta' 31 sena li kien riekeb il-*bicycle* u fid-dlam ta' filgħaxija (dwalijiet ma setgħux jinxtegħlu) baqa' nieżel bir-rota b'kollox.

Barra min-nies li baqgħu dejjem jiżdiedu meta l-agħar tal-gwerra kien għadda, għalkemm imbagħad beda żmien il-ġuħ, kien hawn f'Raħal Ġdid ħafna suldati Ingliżi u oħrajn li kienu stazzjonati fl-iskola Mater Boni Consilii (ta' St. Joseph) u wkoll f'diversi djar privati. L-Iskola Primarja ta' Triq Ġużè D'Amato, li kienet għadha b'sular wieħed, kienet użata mis-servizzi bħala maħżen tal-oġġetti tal-ikel. Il-pjazza ta' quddiemha, (illum Ġnien Pawlu Boffa) kienet mimlija trakkijiet u inġenji tal-militar. Aħna t-tfal ta' Raħal Ġdid konna mmorru nitgħallmu l-iskola fi djar privati, fosthom fi Triq Ħaż-Żabbar, fi Triq Palma u ftit wara, fil-lokal fejn illum hemm il-Mużew tas-Subien quddiem Santa Ubaldesca. Il-Mużew kien fi Triq Sammat.

Niftakar dak iż-żmien, aktar minn 70 sena ilu, f'Raħal Ġdid kien hawn ħafna ħwienet tax-xorb li kienu jkunu ffrekwentati mis-suldati u l-baħrin minkejja li ma tantx kien ikollhom wisq x'jixorbu. Kien hawn ukoll għadd mhux żgħir ta' ħwienet tal-merċa, *grocers* li minnhom in-nies kienet tixtri oġġetti tal-ikel li kienu jkunu intitolati għalihom bir-*ration*. Fl-istess żmien f'Raħal Ġdid xi djar kienu nbidlu f'*Victory Kitchens*. Dawn kienu jipprovdu ikla waħda kuljum, jew f'nofsinhar jew filgħaxija għal kull membru tal-familja li kien ikun reġistrat. L-ikel, li xejn ma kien ikun jiftaħlek l-aptit, kien sintendi bla ħlas.

Nofs il-knisja parrokkjali, in-naħa ta' wara, kienet bis-saqaf taż-żingu u n-nofs ta' quddiem ma kienx imsaqqaf. Il-kumplament inbena wara. Il-bini tkompla fi żmien il-kappillan Dun (wara Mons) Franġisk Xuereb u aktar tard minn Dun (Mons) Adolf Agius, magħruf minn kulħadd bħala 'Dun Doffee'. Quddiem il-knisja, fejn illum hemm iz-zuntier, fir-rokna li tmiss ma' Church Avenue kien hemm il-bini tal-każin ta' Strickland li mbagħad għadda f'idejn il-Partit Laburista.

It-trasport kien għadu limitat ħafna għalhekk quddiem il-knisja kien hemm dejjem għadd ta' karozzini biex jinkrew minn min kien ikollu bżonn it-trasport privat. It-taxis bilkemm konna għadna smajna bihom u karozzi privati kien hawn biss waħdiet, fosthom tat-tobba. Fl-eqqel ta' żmien il-ġuħ għal nofs l-1942-43 kien ikun fil-pjazza quddiem il-knisja għadd ta' rġiel jew żgħażagħ ibiegħu l-ħarrub u wara l-ful u l-karawett.

Iż-żmien li qed nikteb dwaru l-familji Maltin kienu kbar, kważi kollha b'sitt itfal jew aktar. It-television konna għadna lanqas biss smajna bih u r-redifussion kien għadu fil-bidu tiegħu. U allura t-tfal kienu jgħaddu l-ħin wara l-iskola jilagħbu fit-toroq: il-bniet jaqbżu l-ħabel u s-subien jilagħbu b'xi ballun taċ-ċarruta jew jiġru wara xulxin. Aħna s-subien konna nilagħbu fl-għalqa u r-raba' li kien hemm fejn illum hemm il-fdalijiet tal-ground ta' Schreiber (Pace Grasso). F'dawk l-inħawi kien hemm wieħed mill-ftit lokalitajiet li kellu swali taċ-ċinema, it-*talkies*. Kien hawn xi erbgħa, wieħed il-pjazza jismu t-Tropps fejn illum hemm il-*Youth Centre,* l-ieħor fi Triq il-Qalb ta' Ġesù - it-Tivoli, l-ieħor 'ta' Żeppi' fil-pjazza kantuniera ma' Triq l-Arkata meta l-Loġġa kienet għadha hemm u ieħor fi Triq Lampuka, il-*Prince*.

Kien verament żmien ieħor...